MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Numru. 398/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 245060(M).

Akkuzat talli:
Fil-31 ta’ Awwissu 2011, u fil-granet ta’ qabel din id-data, fil-fond ‘Maria Mater Gratie’, Trejqet San Frangisk, Zabbar, u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimal u cioe` kelb, gieghel lill-istess isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq

minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap. 439 Dwar il-Harsien tal-Annimali, u aktar talli;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu annimali u cioe` kelb u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap. 439 Dwar il-Harsien tal-Annimali, u aktar talli;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu klieb minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Kap. 439 Dwar il-Harsien tal-Annimali.

Stante ammissjoni mill-akkuzat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda issib lill-imputat Joseph Mifsud hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------